**Il-Ħadd 07.12.2014**

1. It-Tnejn 8/12, **Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni**:
   - Minkejja li mhix festa kkmandata, xieraq li nqaddsu dan il-jum bil-quddies. Il-ħin tal-Quddies ikun bħal nhar ta' xogħol.

2. L-Erbgħa 10/12:
   - Mis-7:30pm sat-8:30pm ser isir Talb stil TaizÁ fil-Knisja Parrokkjali bħala mument speċjali ta' Talb għal dan iż-żmien tal-Avvent. Kulħadd mistieden, imma stedina partikulari nixtieq inwassalha liż-żgħażagħ u dawk kollha li ma jsibux ċans għall-quddiesa ta' kuljum imma li jixtiequ jagħmlu mument ta' talb bħala għeluq tal-jum.

3. Il-Ħamis 11/12:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-knisja parrokkjali tal-Mellieħa fejn ikollna Quddiesa u wara *buffet lunch* f'lukanda l-Mellieħa stess. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

4. Il-Ġimgħa 12/12:
   - Fis-7:15pm sat-7:45pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini. Jekk hawn xi tfal subien li jixtiequ jissieħbu, jinfurmawni. Jistgħu jattendu tfal minn Yr 3 'l fuq.
   - Fit-8.30pm ser issir laqgħa għal dawk kollha li kienu jattendu l-Museum tas-Subien (Old Boys), fil-Museum stess.

5. Is-Sibt 13/12:
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għargħur.

6. Il-Ħadd 14/12, **it-Tielet Ħadd tal-Avvent**:
   - Fil-Quddiesa tal-10:00am ikollna l-Magħmudija.

7. Avviżi oħra:
   - Kif diġ¿ ġejtu infurmati b'ittra, il-Kunsill Lokali ifakkarkom li minn nhar it-Tlieta 9/12 sal-Ġimgħa 12/12 bejn it-3:30pm u t-8:00pm ser isir it-Tiġdid tal-ID Cards, ġewwa l-Iskola Primarja ta' Ħal Safi. Ħudu l-ID cards il-qodma magħkom.
   - F'ismi u f'isem il-Kummissjoni tar-restawr ta' San Pawl, bi pjaċir inħabbrilkom li r-restawr tal-istatwa, tal-pedestall u tan-niċċa ta' San Pawl ġie approvat mill-awtoritajiet ekklesjastiċi u għaldaqstant fl-ewwel nofs ta' Jannar ser nibdew il-proċess billi nafdawh f'idejn il-Laboratorju xjentifiku ta' restawr u konservazzjoni – *Atelier del Restauro* – ibbażat il-Mosta, ħalli eventwalment ilestuhulna sa' nofs Awwissu, u hekk inżanżnuh għall-festa tas-sena d-dieħla. Aktar dettalji ser nagħtuhomkom 'il quddiem fil-Fuljett 'Flimkien' u anke fl-laqgħat u preżentazzjonijiet apposta li ser jagħtuna r-restawraturi stess, li diġà għandhom esperjenza f'dan it-tip ta' restawr (fosthom l-istatwa ta' Sant' Elena ta' Birkirkara). Nitlob minn għandkom kull koperazzjoni, speċjalment dik finanzjarja, biex dan il-proġett li l-ispiża tiegħu issa ser tilħaq is-somma ta' madwar € 20,000 inkunu nistgħu nħallsuh fl-iqsar żmien possibbli. Miġburin s'issa għandna € 5,800. Nafdaw fil-ġenerożità tagħkom u napprezzaw li kulħadd jikkontribwixxi skont kemm jista'.

8. Fejn il-bibien tal-knisja hemm min qed ibiegħ punsjetti u biljetti ta' lotterija li ser tittella' qrib il-Milied u li hi b'risq il-manutensjoni tal-knisja u r-restawr ta' San Pawl.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 163 mill-lotterija b'risq il-manutensjoni tal-knisja.
   - € 320 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.